MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 93/2002/1

**A B f' isimha proprju u bhala legittima rappresentanti tal-minuri**
**C B**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-konjugi B izzewwgu fit-2 ta' Gunju 1990, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument A.

Peress illi minn dan iz-zwieg twieldet tarbija C li llum ghandha disa' snin, kopja tac-certifikat tat-twelid qed tigi hawn annessa bhala Dokument B.

Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba sevizzi, minacci, ingurji gravi u eccessi kommessi kontriha da aprti tal-istess zewgha, kif ukoll minhabba li dan iz-zwieg tkisser irrevokabilment.

Peress illi skond digriet tas-Sekond' Awla li jgib in-numru 1684/01 l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f' dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dan fil-15 ta' Novembru 2001, kopja ta' liema digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dokument C, kif ukoll liema digriet gie prorogat u ghadu vigenti sallum kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Jghid il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. M' ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B, minhabba sevizzi, minacci, ingurji gravi u eccessi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. M' ghandhiex l-attrici tigi fdata fil-kura u kustodja ta' binthom minuri C, salv l-access favur il-konvenut li ghandu jigi stabbilit f' dawk il-modalitajiet li huma fl-ahjar interessi tal-minuri;

3. M' ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-ligi ghaliha u ghat-tifla minuri b' dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvedimenti ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissatti minn din il-Qorti u jigi ordnat l-manteniment hekk kif stabbilit jithallas lill-attrici direttament mill-employer tal-konvenut;

4. M' ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili in toto jew in parti;

5. M' ghandhiex tigi ddikjarata xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu

maqsuma f’ zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, okkorrendo b’ opera ta’ periti nominandi sabiex jillikwidaw l-istess komunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. M’ ghandhiex l-attrici tigi awtorizzata tkompli tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. M’ ghandux il-konvenut jigi kkundannat li jikkonsenja lill-attrici il-beni parafernali u dotali taghha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond’ Awla u l-varji mandati mahrugin kontestwalment ma’ din il-kawza u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: li, filwaqt li huwa jaqbel li tigi prounzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; li ma jaqbilx li l-attrici ghandha tigi fdata bil-kura u kustodja ta’ bintu; li l-attrici ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand il-konvenut; li topponi ghall-applikazzjoni fil-konfront taghha ta’ l-artikoli 48 u 51 tal-Kap.16;

Rat il-kontro talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant; u li tinsab a fol.31 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici rikonvenzjonata ghall-kontro talba tal-konvenut, u li tinsab a fol.69 tal-process;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit legali l-Avukat Dottor Anna Mallia u tal-perit gudizzjarju l-Perit Mario Cassar, u tas-Social Worker Jane Azzopardi, minnhom debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu, il-konvenut permezz tal-kontro talba qieghed jitlob is-separazzjoni personali ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.precitat imputabbli lill-attrici.

Iz-zewg partijiet cahdu l-imputazzjonijiet maghumla fil-konfront taghhom.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Gunju 1990, wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin tmien snin, u wara li kien inxtara l-fond intiz sabiex iservi bhala d-dar matrimonjali. Minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Abigali fit-23 ta' Mejju 1992.

Illi wara ftit snin ta' zwieg, li fihom il-koppja esperjenzjat litigji u kwistjonijiet, beda jirrizulta car li s-sitwazzjoni matrimonjali bejniethom kienet qed tiddigenera b' mod li s-separazzjoni personali kienet ser tkun inevitabbli. Il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, tosserva li hija propensa li tikkondividi l-konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali f' dan ir-rigward, u cioe' li l-bazi tal-litigji bejn il-partijiet kienet il-kwistjoni kostanti dwar il-proprjeta' tad-dar matrimonjali, il-mod differenti kif il-partijiet kienu jharrsu lejn l-amministrazzjoni tal-flus u l-inkompatibilita' ta' karattru. Dawn huma l-kawzi principali tad-dizgwid matrimonjali. Eventwalment il-hbiberija zejda li l-partijiet qabbdu; l-attrici ma' kuntistabbli u l-konvenut ma' nurse, ipprecipitaw l-

affarijiet u ssiggilaw ir-rottura matrimonjali bir-rizultat li llum il-gurnata ma hemmx dubbju li z-zwieg tkisser irremidjabbilment b' mod li l-konvivenza bejn il-partijiet mhijiex aktar possibbli.

Illi l-kwistjoni kostanti dwar id-dar matrimonjali temani mill-fatt li, meta l-partijiet iddecidew li jxitru dan il-fond, l-attrici kienet ghadha that l-eta', u ghalhekk, ghalkemm l-attrici kienet prezenti meta gie ffirmat il-kuntratt tal-kompravendita, hija ma kienitx deheret fuqu. Illi mill-prezz tal-bejgh ta' Lm7,500, il-konvenut kien hareg is-somma ta' Lm4,000 filwaqt li l-attrici kienet harget Lm500, u kienet ittiehdet loan fuq il-post ta' Lm3,000 fuq isem il-konvenut, liema loan eventwalment thallset kollha mill-attrici. Matul iz-zwieg saret estensjoni ta' sular fuq dan il-fond, mill-flus tal-partijiet, b' mod li llum il-gurnata l-fond, inkluz il-garage, ghandu valur ta' Lm70,000.

Illi matul iz-zwieg, ghalkemm l-attrici kienet tinsisti mal-konvenut sabiex il-fond jigi fuq isimha wkoll, u nonostante li kienet ikkontribwit sostanzjalment sabiex inxtara l-fond bil-hlas tal-loan u sabiex nbniet l-estensjoni, u nonostatne li f' okkazzjoni minnhom il-konvenut kien accetta li jaghmel hekk; izda eventwalment dan baqa' jirrifjuta u llum il-gurnata qed isostni li l-fond huwa tieghu peress li kien inxtara minnu qabel iz-zwieg,u se mai l-attrici ghandha biss pretensjoni ta' kreditu tal-flus li harget. Din kienet il-vera kawza tad-dizgwid bejn il-partijiet, li kompliet tiffomenta bil-mod kif il-konvenut kien jixxahhah ma' martu u ma' bintu sabiex jaqta' l-loan u anke wara. Ma' dan il-fattur, hemm ukoll id-differenza fil-karattri tal-partijiet li, filwaqt li f' ghajnejn l-attrici l-konvenut kien qammiel izzejjed u kien anke riservat u joqghod nieqes biex ma jonfoqx, f' ghajnejn il-konvenut l-attrici kienet kappriccjuza u "taqla' kull ma tonfoq u dejjm broke"[1].

Illi mill-provi jirrizulta li l-inkwiet u d-dwejjaq kawzat mid-dizgwid matrimonjali kontinwu bejn il-partijiet, wassal sabiex dawna fittxew hbiberiji ma' persuni tas-sess oppost, li ghalkemm ma jwasslux ghall-integrazzjoni tal-

[1] Fol.187

prova ta' l-adulterju, izda din l-hbiberija zejda fic-cirkostanzi tikkwalifika bhala ngurja gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16 fil-konfront tal-konjugi l-iehor. F' dan ir-rigward il-Qorti qed tirriferi ghar-relazzjoni ta' l-attrici ma' Alex Schembri, u tal-konvenut ma' Rose Zammit.

In propositu huwa opportun li jigi osservat li l-allegazzjoni tal-konvenut rigwardanti l-Ispettur Mario Tonna, ma tirrizultax sostnuta mill-provi; u dana princiaplment dovut ghall-fatt li l-fatti provati jindikaw li l-attrici kienet fittxet lil dan l-Ispettur in konnessjoni max-xoghol tieghu, u anke tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet kienu eventwalment saru hbieb ta' l-imsemmi Spettur wara li dan kien ghenhom it-tnejn.[2]

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, u dana huwa dovut principalment ghall-ingurja gravi fil-konfront ta' xulxin kif ukoll ghall-inkompatibilita' ta' karattru; u li r-responsabbilita' ghas-separazzjoni tirrsjedi fuhom it-tnejn fl-istess grad.

**Kura u Kustodja**

Illi l-interessi tal-minuri C, li llum ghandha hmistax-il sena jiddettaw fic-cirkostanzi ghal-kaz, li l-kura u kustodja jifu fdati f' idejn l-attrici li ilha zmien twil tiehu hsiebha; bid-dritt ta' access ghal missier tlett darbiet fil-gimgha mhux anqas minn saghtejn kull darba, liema granet u hinijiet ghandhom jigu mifthemha bejn il-missier u bintu li llum minhabba l-eta' taghha ghandha certu grad ta' maturita' apparti minn impenji skolastici u socjali; inoltre, l-missier ghandu jkollu access ukoll darba fil-weekend is-Sibt jew il-Hadd b' mod alternat.

Izda decizjonijiet ta' natura mportanti li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll hwejjeg ta' natura socjali inkluz safar, ghandhom jittiehdu mill-partijiet konguntivament, occorrendo bl-intervent tal-Qorti fuq rikors ad hoc.

[2] Vide ittra Dok MT5 – fol.464

Hadd mill-partijiet m'ghandu jesponi lill-minuri ghall-presenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux membri tal-familja.

**Dar Matrimonjali**

Illi l-vertenza principali ezistenti bejn il-partijiet tirrigwarda d-dar matrimonjali u l-garage adjacenti; fis-sens li, filwaqt li l-konvenut qed isostni li din hija proprjeta' parafernali tieghu u l-attrici ghandha biss kreditu tal-flus li harget in propositu, l-attrici tikkontendenti li d-dar inxtrat fl-interess tat-tnejn u ghalhekk hija proprjetarja komuni ma' zewgha ta' dan il-fond.

Il-konvenut qed jibbaza t-tesi tieghu fuq il-fatt provat li l-fond numru bl-isem "La Casa Nostra" Triq Dun Mikiel Xerri, H'Attard, u l-garage adjacenti kienu inxtrau minnu permezz ta' kuntratt pubblikat minn Nutar Dottor Mario Bugeja fis-6 ta' Lulju 1987, u li fuq dan l-att deher hu biss bhala l-akkwirent;  filwaqt li isem l-attrici, li dak iz-zmien kellha 16-il sena u nofs ma jidher imkien.  Huwa jghid ukoll li anke  il-loan ta' Lm3,000 li huwa kien ha fuq l-istess Att sabiex ikun jista' jixtri l-post, hija fuq ismu biss. Jikkonferma pero' li l-attrici tatu fuq il-kuntratt is-somma ta' Lm500.

In sostenn tat-tesi tieghu huwa jadduci s-segwenti argumenti:

[1] Illi l-garage, ghalkemm adjacenti mad-dar, pero' li ma jinfidx mad-dar, hija proprjeta' separata mid-dar matrimonjali, u li dan kien inxtara bis-somma ta Lm4,000 li kienet iddonatlu ommu ghal dan l-iskop;  u ghalhekk jghid li dan kien inxtara mill-flus li kienet tatu ommu;

[2] Illi kemm l-attrici kif ukoll missierha kienu prezenti ghall-kuntratt, u xejn ma josta' li, stante li l-attrici kienet that l-eta', li jidher ghaliha missierha fuq l-atti;

[3] Illi l-attrici ma avvanzatx pretensjonijiet f' dan ir-rigward matul il-hajja matimonjali, u l-vertenza minnha tqajjmet biss wara s-separazzjoni.  Huwa jinvoka l-artikolu 2140 tal-Kap.16 in sostenn ta' dan l-argument;

[4] Illi huwa jichad li, waqt il-konvivenza matrimonjali, huwa kien wieghed lill-attrici li kien ser jidawwar id-dar matrimonjali fuq isimha wkoll.

Illi l-versjoni attrici in propositu hija fis-sens li meta kien ser jsir l-kuntratt ta' self u kompravendita, hija kienet ghadha that l-eta' u ghalhekk ma setghetx tidher fuq l-att. Hija ssostni li pero' l-akkwist sar fl-interess taz-zewg partijiet, u fil-fatt kienet accettat li thallas il-loan kollha hi. Fix-xhieda tieghu, missier l-attrici jispjega li huwa ma riedx li fuq l-att ta' l-akkwist jidher biss il-konvenut, izda eventwalment kien accetta stante li bintu kienet that l-eta' u li lilu "hadd ma qalli li stajt nidher fuq dan l-att ghan-nom ta' A."[3]

Illi s-segwenti konsiderazzjonijiet jiffortifikaw it-tesi attrici:

[1] Illi l-attrici ma dehritx fuq il-kuntratt ghax f' dak iz-zmien kienet ghadha that l-eta', u l-genituri taghha ma kienux jafu li setghu jaghmlu procedura sabiex missierha jidher ghan-nom taghha;

[2] Illi kemm l-attrici kif ukoll missierha kienu prezenti ghall-iffirmar tal-kuntratt ta' Self u Akkwist tal-fond u l-garage;

[3]  Illi mal-kuntratt l-attrici harget is-somma ta' Lm500;

[4] Illi mid-data tal-kuntratt u cioe' mis-6 ta' Lulju 1987 l-attrici bdiet thallas il-loan tal-post, u sal-10 ta' Marzu 1990, jigifieri qabel iz-zwieg, kienet hallset b' kollox is-somma ta' Lm3,365.[4] fi kliem iehor, il-loan li ha l-konvenut fuq ismu biex xtara l-fond u l-garage thallset kollha mill-attrici <u>qabel iz-zwieg</u>;

[5] Illi wara z-zwieg id-dar, li kienet inxtrat, in shell form, baqghet tigi armata bi flus derivanti mill-qligh taz-zewg partijiet, inkluza l-estensjoni ta' l-ewwel sular.

[3] Fol.75
[4] Fol.424 – 439, u  fol.365

Illi kif sostnut fil-gurisprudenza nostrana "l-akkwist ta' immobbli fl-interess ta' haddeihor jiswa avolja l-ftehm dwar dan l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-ohra ma jkunx sar bil-miktub." [*PA Marthese Vella vs George Vella deciza 28.02.2003*].

Illi fil-meritu l-vertenza in disamina tirriduci ruhha ghall-kwezit jekk is-self u l-akkwist tal-fondi fuq indikati sarux f' isem il-konvenut u fl-interess tieghu biss, jew inkellha sarx ukoll fl-interess ta' l-attrici li kienet ser tkun martu. Il-Qorti taccetta bhala provat it-tieni tesi, u cioe' li l-fond u l-garage kienu inxtraw fl-interess tat-tnejn u li, ghalkemm fuq il-kuntratt deher biss l-konvenut, in effetti huwa kien qed jidher ukoll ghan nom ta' l-attrici. Din il-konkluzjoni hija bazata fuq is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi, ghalkemm l-attrici ma kienetx tista' tidher fuq il-kuntratt, hija xorta wahda, flimkien ma' missierha, kienu prezenti meta gie iffirmat l-Att; u wkoll ikkonsenjat lill-konvenut is-somma ta' Lm500.

Inoltre, u b' emfasi qawwi, jigi osservat li mid-data tal-kuntratt l-attrici bdiet thallas l-instalment tal-loan li kienet ittiehdet biex jithallas parti mill-prezz ta' l-akkwisti, b' mod li sa qabel iz-zwieg, hija kienet hallset l-imsemmija somma. Dan il-fatt jirrizulta provat. Dan ifisser li, ghalkemm il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid li "Pawla kienet taghtini xi flus biex inkun nista' nkompli gewwa"[5] il-verita' hija mod iehor, ghax il-verita' hi li l-attrici kienet hallset parti sostanzjali, kwazi nofs, tal-prezz tal-fond u tal-garage. Altru milli "xi haga" biex jarma gewwa! Il-Qorti thoss li dan huwa l-fattur principali u determinanti li jikkonsolida t-tesi attrici u li wassal lil din il-Qorti sabiex temmen li l-akkwist sar fl-interess tat-tnejn u li l-konvenut ma kienx qed jagixxi ghan-nom tieghu biss, izda anke ghan-nom ta' l-attrici.

Illi rigward is-sottomissjoni tal-konvenut bazata fuq id-dispst ta' l-artikolu 2140 tal-Kodici Civili, il-Qorti tosserva li

[5] Fol.185 – sottolinear tal-Qorti

f’ dan il-kaz josta ghall-applikazzjoni tieghu l-mankanza tar-rekwizit tal bona fede. Mill-provi jirrizulta car li, ghalkemm wara li l-attrici kienet saret maggjorenni u kienet mizzewwga lill-konvenut, dina ma ressqitx il-pretensjoni taghha gudizzjarjament kontra l-konjugi taghha, il-Qorti hija konvinta li l-pussess tal-proprjeta’ fl-intier taghha il-konvenut ma kienx in bona fede ghax hu kien jaf li huwa kien akkwistha wkoll ghan-nom ta’ martu, allura l-gharusa tieghu, li sa qabel iz-zwieg kienet hallset kwazi nofs il-prezz tal-fondi de quo.

In fine jigi osservat li l-fatt, sostnut mill-konvenut, li ommu tatu s-somma ta’ Lm4,000 sabiex jixtri l-garage, fic-cirkostanzi u in difett ta’ ipoteka fuq il-fond, din hi transazzjoni li saret bejn il-konvenut u ommu, u li ghall-attrici din hi meqjusa bhala res inter alios acta.

Il-konvenut fin-nota tieghu jsemmi kazjijiet fejn il-Qorti kienet irrikonoxxiet li l-fond matrimonjali kienet proprjeta’ parafernali tal-ragel, u in propositu l-Qorti tirrileva: [1] illi fil-kawza Tabone vs Tabone citata minnu u deciza fit-2 ta’ Ottubru 2003, jirrizulta mill-istes sentenza li “Il-kontendenti permezz tal-verbal tas-6 ta’ Frar 2003 qablu li d-dar matrimonjali hija proprjeta’ parafernali tar-ragel”[6] Ghalhekk ma kienitx il-Qorti li ddeterminat dan il-punt; [2] illi rigward is-sentenza l-ohra, il-Qorti tosserva li mill-istess sentenzi ma jirrizultax li l-proprjeta’ tad-dar matrimonjali kienet wahda mill-vertenzi sollevati mill-partijiet. Ma jirrizultax illi l-mara kienet ikkontestat li d-dar kienet parafernali ghar-ragel. Di fatti s-sentenzi Cit. Nru. 1427/02 deciza fl-24 ta’ Frar 2005 u deciza fl-Appell fit-28 ta’ April 2006, ma gietx appellata mill-mara.

Illi in bazi ghall-premess il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fis-sens li kemm id-dar matrimonjali kif ukoll il-garage adjacenti maghha ghandhom jitqies bhala formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

**Manteniment**

---

[6] pg.21

Illi l-hbiberiji zejda taz-zewg konjugi ma’ persuni tas-sess oppost, jikkostitwixxu fic-cirkostanzi ngurji gravi li fil-fehema tal-Qorti ghandhom jattiraw id-dekadenza kontemplata fl-Artikolu 48[1][a][b] u [d] b’applikazzjoni ta’ l-artikoli 51 u 52 tal-Kap.16, u dan fil-konfront taz-zewg partijiet. Ghaldaqstant, stante li l-ebda manteniment mhu dovut lill-konjugi, il-vertenza tirriduci ruhha ghad-diterminazjzoni tal-kontribut tal-konvenut versu l-manteniment ta’ binthom li ser tkun fil-kura u kustodja effettiva ta’ l-attrici.

Illi in kwantu jirrigwada l-qligh tal-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-perit legali, u tosserva li, ghalkemm fil-prezent ma jirrizultax li l-attrici ghandha xoghol bi qligh regolari, izda hija ghandha potenzjal li tahdem u tiggenera introitu, kunsidrat ukoll il-fatt li llum il-gurnata t-tifla, ghalkemm ghadha minorenni, ghandha ‘il fuq minn tlettax-il sena u ghalhekk mhux ta’ ostakolu serju sabiex l-attrici ssib xoghol bi qligh. Di fatti kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara hija kellha mpiegi regolari.

Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-kontribut tal-missier lejn il-manteniment ta’ binthom C ghandu jkun ta’ mitt Lira Maltin [Lm100] kull erba gimghat, liema somma tinkludu l-spejjez relattivi ghall- edukazzjoni, hwejjeg u sahha tal-minuri li ghandhom jithallsu kollha mill-attrici.

Din is-somma ghandha titnaqqas direttament mis-salarju tal-konvenut mill-imghallem tieghu u tintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha.

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi in propositu l-Qorti taghmel referenza ghall-konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali fir-relazzjoni taghha [a fols.249 sa 951 tal-process] that l-intestaturi “Komunjoni ta’ l-akkisti u oggetti parfernali” “Il-fond matrimonjali” “Kontijiet Bankarji” u taddottahom fl-intier taghhom b’ mod li ghandhom jifformaw parti ntegrali minn dan il-gudizzju, u li kopja

taghhom qed jigu annessi ma' dan il-gudizzju [Appendici A][7]

Il-Qorti taqbel ma' l-assenjazzjoni kif kontenuta f' dawn is-sezzjonijiet tar-rapport; u tikkonferma u tordna li l-fond "La Casa Nostra" Triq Dun Mikiel Xerri, H' Attard, u l-garage adjacenti jinbighu bis-subbasta fi zmien sena millum, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor; izda wara dan il-perijodu li jiskadi fil-30 ta Ottubru 2008, l-attrici hija, minn issa u permezz ta' dan il-gudizzju, ordnata sabiex tallontana ruhha minn dawn il-fondi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lit-tnejn;

[2] tilqa' t-tieni talba kif fuq indikat taht l-intestatura "Kura u Kustodja";

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament ghal manteniment tal-minuri C fit-termini tal-paragrafi that l-intestatura "Manteniment" – u tichad il-kumplament tat-talba;

[4] tilqa' r-raba talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16;

[5] tilqa' il-hames talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti b' effett millum , u tordna li din tigi likwidata u assenjata lill-partijiet kif preskritt fis-sezzjonijet intestati "Komunjoni ta' l-akkwisti u oggetti parfernali" "Il-fond matrimonjali" "Kontijiet Bankarji" – fuq indikati;

[6] tilqa' is-sitt talba limitatament sat-30 ta' Ottubru 2008, wara liema data l-attrici hija minn issa ordnata li tallontana ruhha mid-dar konjugali;

[7] Izda l-kelma "maggoreni" a fol.950 ghandha tigi sostitwita bil-kelma "minorenni".

[7] tilqa' is-seba talba kif indikat fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-akkwisti u oggetti parafernali";

L-ispejjez ta' l-azzjoni attrici ghandhom jithallsu kollha mill-attrici; salv ghal-nofs l-ispejjez u d-drittijiet tal-periti gudizzjarji Dottor Anna Mallia u l-AIC Mario Cassar li ghandhom jithallsu mill-konvenut;

Tiddeciedi dwar il-<u>kontro talba</u> billi:

[a] tilqa' l-ewwel talba, limitatament u fit-termini kif fuq deciz;

[b] tilqa' t-tieni talba;

[c] tichad it-tielet talba;

[d] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba talba, stante dak deciz fl-ewwel talba;

[e] tichad il-hames talba;

[f] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li l-attrici qed tigi fdata bil-kura u kustodja ta' binthom u l-konvenut huwa obbligat jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess binthom;

[g] tichad is-seba talba;

[h] tilqa' it-tmien talba limitatament fis-sens li tapplika fil-konfront ta' l-attrici d-dispost ta' l-artikolu 48[1][a][b] u [d] tal-Kap.16 b ' referenza ghal-artikolu 52;

[i] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa' talba stante li hija superfluwa;

[j] tichad l-ghaxar talba;

[k] tilqa' t-talba numru hdax, fis-sens fuq deciz;

[l] tichad it-talba numru tnax;

[m] tichad it-talba numru tlettax;

[n] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba numru erbatax, stante li din hija superfuwa;

[o] tichad it-talba numru hmistax, in kwantu propsota mill-konvenut, stante ma jirrizultax mill-provi sodisfat il-vot tal-ligi kif kontenut fl-artikolu 62[2] Kap.16

[p] tichad it-talba numru sittax, stante li ma nirrizulta ebda “artikolu 62 [a]” fil-Kodici Civili;

[q] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba numru sbatax, stante li hija superfluwa;

L-ispejjez tal-kontro talba ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut, salv ghal-nofs l-ispejjez u drittijiet tal-periti gudizzjarji Dottor Anna Mallia u l-AIC Mario Cassar li ghandhom jithallsu mill-attrici;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------